



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Marzu 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0054 (NLE)

7260/23
ADD 1

MOG 47
IRAQ 6
CFSP/PESC 415
DEVGEN 59

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI NRU 3/2023 TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI
UE-IRAQ dwar l-istabbiliment ta' Sottokomitat speċjalizzat dwar il-
Kooperazzjoni għall-lżvilupp u l-adozzjoni tat-termeni ta' referenza tiegħu

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU 3/2023
TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-IRAQ

ta' ...

**dwar l-istabbiliment ta' Sottokumitat speċjalizzat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp
u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-KOPERAZZJONI BEJN L-UE U L-IRAQ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 112 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Iraq, fuq in-naħa l-oħra, ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fil-11 ta' Mejju 2012 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2018.
- (2) L-Artikolu 112 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Kooperazzjoni għandu jiġi assistit fit-tweqqif ta' dmirijietu minn Kumitat ta' Kooperazzjoni u li jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe sottokumitat jew korp speċjalizzat ieħor li jista' jassistih fit-tweqqif ta' dmirijietu, u għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' tali sottokumitati jew korpi u kif jiffunzjonaw.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Kooperazzjoni, il-Kunsill tal-Kooperazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub.
- (4) L-istabbiliment ta' Sottokumitat ġdid speċjalizzat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jiffaċilita djalogu dedikat dwar l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bejn l-UE u l-Iraq u jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE fl-Iraq.
- (5) Sabiex dan is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp isir operattiv fil-ħin, jeħtieġ li din id-deċiżjoni tiġi adottata permezz ta' proċedura bil-miktub,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp huwa b'dan stabbilit.

It-termini ta' referenza tiegħu kif stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċizzjoni huma b'dan adottati.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-
UE u l-Iraq
Il-Presidenza*

ANNESS

Termini ta' referenza tas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

Artikolu 1

Fil-laqgħat tiegħu, is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-Sottokumitat") jista' jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni fi kwalunkwe wieħed mill-oqsma jew fl-oqsma kollha li jkopri relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Is-Sottokumitat jista' jiddiskuti wkoll suġġetti jew proġetti speċifiċi relatati mal-oqsma rilevanti ta' kooperazzjoni bilaterali.

Artikolu 2

Is-Sottokumitat għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni. Huwa għandu jirrapporta u jibgħat il-konklużjonijiet tiegħu lill-Kumitat ta' Kooperazzjoni wara kull laqgħa.

Artikolu 3

Is-Sottokumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

Bil-qbil tal-Partijiet, is-Sottokumitat jista' jistieden esperti għal-laqgħat tiegħu, u jista' jismagħhom rigward punti speċifiċi fuq l-aġenda tal-laqgħat tiegħu kif xieraq.

Artikolu 4

Is-Sottokumitat għandu jkun ippresedut mill-Partijiet b'mod alternat, skont ir-regoli dwar il-presidenza supplenti tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni, minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u minn rappreżentant tal-Iraq, min-naħa l-oħra.

Artikolu 5

Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tal-Iraq għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala segretarji permanenti tas-Sottokumitat. Il-komunikazzjonijiet kollha li jikkonċernaw is-Sottokumitat għandhom jintbagħtu liż-żewġ segretarji permanenti.

Artikolu 6

Is-sottokumitat għandu jiltaqa' kull meta jiddettaw iċ-ċirkostanzi wara ftehim tal-Partijiet, abbażi ta' talba bil-miktub minn waħda mill-Partijiet, u tal-anqas darba fis-sena. Kull laqgħa tas-Sottokumitat għandha ssir f' post determinat mill-Partijiet u fi żmien miftiehem minnhom.

Malli jirċievi talba minn waħda mill-Partijiet għal laqgħa tas-Sottokumitat, is-segretarju permanenti tal-Parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien 15-il jum ta' xogħol.

F'każ ta' urġenza, il-laqgħat tas-Sottokumitat jistgħu jissejħu b'avviż iqsar, soġġett għall-qbil tal-Partijiet.

Qabel kull laqgħa, il-president tas-Sottokumitat għandu jiġi infurmat dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tal-Partijiet.

Il-laqgħat tas-Sottokumitat għandhom jissejħu b'mod konġunt miż-żewġ segretarji permanenti, li jaġixxu bi qbil mas-segretarji tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni.

Artikolu 7

Il-punti għall-inklużjoni fl-aġenda għandhom jitressqu quddiem is-segretarji permanenti mill-inqas 15-il jum ta' xogħol qabel il-laqgħa tas-Sottokumitat. Kwalunkwe dokumentazzjoni anċillari għandha tkun ipprovduta lis-segretarji permanenti mill-inqas għaxart (10) ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa.

Abbażi ta' dawk il-punti, għandha titfassal u tintbagħat aġenda proviżorja, bid-dokumentazzjoni ta' sostenn disponibbli, lis-segretarji tal-Kumitat ta' Kooperazzjoni, mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tas-Sottokumitat. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, bi qbil bil-miktub taż-żewġ segretarji permanenti, jistgħu jiġu miżjuda punti f'limiti iqsar ta' żmien.

Artikolu 8

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-Sottokumitat ma għandhomx ikunu pubbliċi.

Artikolu 9

Il-minuti għandhom jittieħdu għal kull laqgħa tas-Sottokumitat. Kopja tal-minuti u tal-konklużjonijiet ta' kull laqgħa għandhom jiġu trażmessi lis-segretarji tal-Kumitat tal-Kooperazzjoni.
